MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Burlington Holdings Limited C 2581
vs
TSC Construction Limited C 5669 u Anthony Scicluna

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi bi skrittura privata ffirmata fl-erbatax (14) ta' Novembru elfejn u wiehed (2001) is-socjeta` attrici kriet lis-socjeta` konvenuta l-fond terran fil-Burlington Complex, Triq Dragonara, San Giljan, illum maghruf bhala Ital-Pizzo, bil-kera ghall-ewwel sentejn, ta' hames mitt lira (Lm500) fil-gimgha oltre taxxa tal-VAT relativa, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem. Kopja ta' din l-iskrittura giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dokument A.

Peress illi s-socjeta` konvenuta ma hallsitx il-kera ta' erbatax-il elf disa' mija u tmenin lira (Lm14,980) dovut ghal sitt (6) skadenzi ta' Lm2,300 kull wahda, u bilanc minn skadenza ohra, li ghalqu mis-sittax (16) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) sat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar elfejn u tlieta (2003), kif jidher ukoll mill-prospetti annessi u mmarkati bhala Dokument B (lista ta' hlasijiet) u Dokument C (prospett ta' skadenzi mhallsa u skadenzi mhux imhallsa).

Peress illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx dan l-ammont minkejja interpellanzi, inkluz b'ittra bonarja mibghuta fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2002, li kopja taghha giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dokument D.

Peress illi fl-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni l-konvenut Anthony Scicluna ggarantixxa personalment l-obbligi tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk huwa responsabbli ghall-hlas tal-kera u ghall-hlas ta' danni in solidum mas-socjeta` konvenuta.

U peress illi dan il-kreditu tas-socjeta` attrici ghall-hlas ta' kera ta' Lm14,980 huwa cert, likwidu u dovut, u sa fejn taf is-socjeta` attrici, il-konvenuti m'ghandhom ebda difiza kontra t-talbiet taghha, u dan jidher ukoll mill-affidavit tal-attur, anness mac-citazzjoni u mmarkat Dokument E.
Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

Tiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta' l-affidavit tal-attur nomine.

Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta u l-konvenut Anthony Scicluna debituri in solidum bejniethom tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm14,980 ghal kera dovut u tikkundannhom ihallsu l-ammont hekk dovut lis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet fuq il-kera dovut mis-27 ta' Novembru 2002 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

B’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` attrici kontra s-socjeta` konvenuta ghal danni jew hlasijiet ohra naxxenti mill-kuntratt ta’ kirja.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Rat li l-partijiet gew debitament notifikati u meta ssejhet il-kawza deher Dr. Philip Attard Montaldo ghas-socjeta` attrici assistit minn Dr. David Grech u s-Sur Anthony Scicluna rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Xehed Dr. Philip Attard Montaldo u ikkonferma l-kreditu hlief li semma li TSC Construction Limited u Anthony Scicluna f’ismu proprju bhala garanti in solidum meta giet prezentata c-citazzjoni kellhom jaghtu lis-socjeta` attrici is-somma ta’ Lm14,980 liema ammont huwa dovut minnhom lis-socjeta` attrici bhala arretrati ta’ kera tal-fond terran fil-Burlington Complex, Triq Dragonara San Giljan, illum maghruf bhala Ital-Pizzo ghal aktar minn sitt (6) skadenzi li ghalqu sal-lum mis-sittax (16) ta’ Lulju elfejn u tnejn (2002) sat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Jannar elfejn u tlieta (2003), u dan skond skrittura ta’ kirja maghmula fl-14 ta’ Novembru 2001. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut. Zied li fl-20 ta’ Marzu ta’ din is-sena wara li giet intavolata l-kawza fil-fatt thallset is-somma ta’ Lm10000 akkont tal-ammont dovut u ghalhekk illum fadal bilanc ta’ Lm4980. Meta gie mhallas l-ammont ma kienet saret ebda kundizzjoni partikolari.

Anthony Scicluna xehed li hu direttur fit-TSC Construction Limited apparti milli hu wkoll konvenut f’ din il-kawza. Ikkonferma d-debitu kif imsemmi hawn fuq u li ghad fadal jithallas il-bilanc ta’ Lm4980.

**KONKLUZJONIJIET:**

Dr Grech ghas-socjeta` attrici ipprezenta nota ta' riduzzjoni b'mod li rriduca t-talba ghal erbat elef disa' mija u tmenin lira. Dr Kris Borg ghall-konvenuti kollha pprezenta nota ta' ammissjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li laqghet it-talba ghad-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u fuq ammissjoni, tiddikjara lis-socjeta` konvenuta u l-konvenut Anthony Scicluna debituri in solidum bejniethom tas-socjeta` attrici fis-somma ta' erbat elef disa' mija u tmenin lira [Lm4,980] u tikkundannhom ihallsu l-ammont hekk dovut lis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovut mis-27 ta' Novembru 2002 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti. B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` attrici kontra s-socjeta` konvenuta ghal danni jew hlasijiet ohra naxxenti mill-kuntratt ta' kirja.

Spejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------